MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2025

Appell Inferjuri Numru 272/2020 LM

**Noel Spiteri (K.I. nru. 513361M) u Denise Spiteri (K.I. nru. 543065M)**
*('l-appellati')*

***vs.***

**Marcus Mercieca (K.I. nru. 136079M) u Carla Mercieca (K.I. nru. 551680M)**
*('l-appellanti')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenuti **Marcus Mercieca (K.I. nru. 136079M)** u **Carla Mercieca (K.I. nru. 551680M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanti'], mis-sentenza mogħtija fit-3 ta' Ottubru, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fl-ismijiet fuq premessi, li ddeċieda t-talbiet tal-atturi

**Noel Spiteri (K.I. nru. 513361M)** u **Denise Spiteri (K.I. nru. 543065M)** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellati’] kontra tagħhom, kif ġej:

> *“Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeċiedi dan il-każ billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti, jilqa’ in parti t-talba tal-atturi fis-sens illi:*
>
> *1. Jikkundanna lill-konvenuti biex iħallsu lill-atturi s-somma ta’ elf, tmien mija u erbatax-il euro (€1,814) bl-imgħax legali dekorribbli mill-11 ta’ Novembru, 2020 sad-data tal-ħlas effettiv u finali.*
>
> *2. L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma’ dawn il-proċeduri jinqasmu in kwantu għal 28% a karigu tal-atturi u 72% a karigu tal-konvenuti.”*

## Fatti

2. Dan huwa t-tieni appell li qiegħed isir minn deċiżjoni tat-Tribunal bejn l-istess partijiet. Il-kwistjoni hija dwar danni allegatament ikkawżati fil-proprjetà tal-atturi riżultat ta’ xogħlijiet ta’ kostruzzjoni u manutenzjoni li ġew eżegwiti mill-konvenuti fil-proprjetà tagħhom sovrastanti.

## Mertu

3. L-atturi kienu resqu quddiem it-Tribunal, fejn talbu li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu s-somma ta’ €2,521 rappreżentanti danni sofferti minnhom kawża ta’ xogħlijiet li saru mill-konvenuti jew minn persuni ingaġġati minnhom, u spejjeż peritali inkorsi mill-atturi.

4. Il-konvenuti laqgħu għal din it-talba billi eċċepew li t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u li huma kienu lesti jħallsu għal dawk id-danni li setgħu ġew ikkawżati minnhom, imma l-pretensjoni tal-atturi hija waħda esaġerata. Il-konvenuti eċċepew ukoll li d-danni ma ġewx ikkawżati minnhom,

u l-atturi fil-pretensjoni tagħhom għall-ħlas, żiedu xogħlijiet li ma sarux jew li ma kinux meħtieġa, u esaġeraw ukoll il-valur tax-xogħlijiet li saru minnhom. Il-konvenuti eċċepew li fost l-oħrajn, l-atturi żiedu l-ispiża ta' *tumble dryer* meta huma ma kienu kkawżaw l-ebda ħsara f'dan l-*appliance*, u filwaqt li kull min isofri d-danni għandu obbligu jimminimizzahom, f'dan il-każ ma sarx hekk mill-atturi. Il-konvenuti żiedu jgħidu li l-atturi għamlulhom ħajjithom miżerja meta dawn marru jgħixu fil-fond sovrastanti, u filwaqt li l-konvenuti kienu jippruvaw jibagħtu lil xi ħadd inaddaf kull darba li seta' waqa' xi ħmieġ waqt l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet, l-attriċi m'aċċettatx, u minflok bagħtet kont tat-tindif esaġerat. Il-konvenuti żiedu jgħidu li huma kienu qegħdin jikkontestaw id-danni u l-kwantum tagħhom, u l-atturi ma ħallewx lill-ħaddiema tagħhom jaħdmu sabiex f'każ li kien hemm kawżi ta' danni, dawn jitneħħew.

5. Permezz tal-ewwel deċiżjoni tiegħu mogħtija fit-3 ta' Ottubru, 2022, it-Tribunal iddeċieda li t-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda. L-atturi appellaw minn dik id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell li ġie ppreżentat quddiem din il-Qorti, u din il-Qorti bis-sentenza tagħha tal-15 ta' Settembru, 2023, iddeċidiet li l-appell għandu jintlaqa' parzjalment, u l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal sabiex dan jiddeċiedi t-talba tal-atturi fil-mertu.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

6. It-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu tat-3 ta' Ottubru, 2024, iddeċieda li l-konvenuti għandhom iħallsu l-ammont ta' €1,814 bħala danni lill-atturi, bl-imgħax dekorribbli mill-11 ta' Novembru, 2020 sad-data tal-ħlas finali u effettiv,

filwaqt li spartixxa wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri fil-proporzjon ta’ 28% għall-atturi u 72% għall-konvenuti, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*“**<u>Ikkunsidra</u>***

*Illi t-Tribunal għandu quddiemu sitwazzjoni fejn l-atturi qegħdin jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jordna u jikkundanna lill-konvenuti jħallsuhom l-ammont ta’ elfejn, ħames mija u wieħed u għoxrin euro (€2,521) rappreżentanti danni sofferti minnhom u dana kawża tax-xogħlijiet li saru mill-konvenuti jew minn persuni mqabbda minnhom kif ukoll spejjeż oħra peritali inkorsi minnhom.*

*Illi in sostenn tat-talba tagħhom l-attur Noel Spiteri fix-xhieda tiegħu u l-attriċi Denise Spiteri fl-affidavit tagħhom spjegaw fid-dettall u b’mod estensiv il-fatti ta’ dan il-każ.*

*L-atturi esebixxew diversi dokumenti fosthom ritratti, rapport tal-perit Duncan Muscat, stimi, irċevuti fiskali u ressqu lil Jeffrey Xuereb bħala xhud sabiex jiġġustifikaw u jsostnu t-talba tagħhom.*

*It-Tribunal isostni li fir-risposta tal-konvenuti hemm xi eċċezzjonijiet li huma konfliġġenti għal xulxin.*

*Dan qiegħed jingħad għaliex fost id-diversi eċċezzjonijiet tagħhom, il-konvenuti sostnew li huma dejjem insistew mal-atturi li huma kienu lesti li jħallsuhom tad-danni li sofrew, sostnew li l-atturi esaġeraw fit-talba tagħhom u baqgħu qatt ma aċċettaw dak li jieħdu biss dak li tassew kien dovut, sotnew li l-atturi vvintaw xogħlijet li ma sarux jew li ma kienx hemm bżonnhom u għalhekk huma wkoll naqsu mill-obbligu tagħhom li jimminimizzaw id-danni kif ukoll sostnew li l-atturi ma ħallewx lill-ħaddiema tal-konvenuti jaħdmu biex jekk hemm kawżi ta’ danni, dawn jitneħħew.*

*It-Tribunal jifhem li b’dawn l-eċċezzjonijiet, il-konvenuti jammettu li għalkemm huma responsabbli għal xi danni sofferti mill-atturi però l-istess konvenuti ma humiex responsabbli għad-danni kollha indikati mill-atturi fit-talba tagħhom, kif ukoll li huma kienu qegħdin jikkontestaw il-kwantum ta’ kull item imsemmija mill-atturi.*

*Però imbagħad fl-istess risposta, il-konvenuti jsostnu li t-talbiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ukoll it-talbiet fil-konfront tal-konvenuti għandhom jiġu miċħuda;*

*Illi fin-nota ta’ sottomissjonijiet tagħhom, il-konvenuti jsostnu li huma ma għandhomx iħallsu danni li seta’ twettaq minn ħaddieħor.*

*It-Tribunal jagħmel referenza għas-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru, 2014 fl-ismijiet* ***Lawrence Formosa pro et noe vs Winex Holdings Ltd et****, fejn ingħad is-segwenti:*

"In tema legali jiġi osservat li Winex bħala sid tal-fond u li kellha pussess tal-istess, kellha l-obbligu li tassigura li bix-xogħlijiet li kienu qed isiru fuq il-proprjetà tagħha, u fuq inkarigu tagħha, ma ssirx ħsara lill-proprjeta ta' terzi, u f'każ li jsiru danni, kif fil-fatt ġara fil-każ odjern, għandha ġġorr ir-responsabbilità tagħha fir-rigward."

*It-Tribunal jagħmel referenza ukoll għall-affidavit tal-konvenuta Carla Mercieca fejn hija sostniet li:*

*"*Aħna dejjem konna u għadna lesti li nħallsu jekk kien hemm xi ħsara kkaġunata mill-ħaddiema ...".

*Illi t-Tribunal sejjer jara l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u dan sabiex eventwalment jiġi determinat jekk permezz tal-provi mressqa mill-atturi, it-talbiet tal-istess atturi għandhomx jiġu milqugħa.*

*It-Tribunal isostni li f'każ li t-talbiet tal-atturi jiġu milqugħa, il-konvenuti għandhom jinżammu responsabbli tad-danni sofferti mill-atturi.*

***Ikkunsidra***

*It-Tribunal isostni li fost id-danni li l-atturi qegħdin jallegaw li sofrew hemm it-tank tal-ilma. Mill-provi jirriżulta li ma saru l-ebda xogħlijiet fuq it-tank tal-ilma. Jirriżulta wkoll li l-atturi ttrasferixxew il-proprjetà tagħhom lil terzi. Għalhekk it-talba tagħhom fir-rigward tad-danni tat-tank tal-ilma ċertament li ma hijiex ġustifikata.*

*It-Tribunal josserva li l-atturi ħallsu l-ammont ta' mitejn u sitta u tletin euro (€236) (a fol. 7) lill-Perit Duncan Muscat sabiex ħejja rapport tad-danni sofferti minnhom, l-ammont ta' elf, mitejn u tliet euro (€1,203) (a fol. 78) sabiex sar it-tindif meħtieġ u x-xogħlijiet neċessarji mill-atturi minħabba l-ħsara li l-atturi jsostnu li ġarrbu kaġun tax-xogħlijiet li saru mill-konvenuti u l-ammont ta' seba' mija u ħamsin (€750) (a fol. 79) rappreżentanti xiri ta'* tumble dryer *ġdida mill-atturi għaliex il-bajjad inkarigat mill-konvenuti sadd il-ventilatur tal-pipe tat-*tumble dryer *bil-konsegwenza li t-*tumble dryer *ġarrbet ħsarat irreparabbli u kellha tinbidel.*

*A rigward it-*tumble dryer*, l-atturi jsostnu li fl-aħħar tas-sena tal-2019, il-ħaddiema inkarigati mill-konvenuti saddewlhom it-toqob tal-ventilaturi u tal-*exhaust *tad-*dryer *u b'hekk ikkaġunaw ħsara lit-*tumble dryer*. X'ħin ittawlu fix-*shaft *skoprew li l-*pipe *li kien jagħti għal barra biex is-sħana tat-*tumble dryer *toħroġ ġox-shaft kienet ġiet imblokkata bil-karti u bis-siment. Konsegwentement l-*element *tad-*dryer *spiċċa maħruq u l-ħsarat kienu rreparabbli u għalhekk kellhom jixtru* tumble dryer *ġdida.*

*L-atturi ppreżentaw l-irċevuta fiskali tat-*tumble dryer *li tammonta għal seba' mija u ħamsin euro (€750).*

*Fl-affidavit tagħha l-konvenuta Carla Mercieca ssostni li kienet hi li inkarigat lil kuntrattur tagħhom sabiex jagħlaq it-toqob li kien hemm fis-*shaft *u dan għax kien qiegħed jinstab xi wirdien. Bi żball il-kuntrattur għalaq it-toqba fil-ħajt li tagħti għal proprjetà tal-atturi. Dakinhar stess l-atturi kienu faqqgħu t-toqba.*

*L-għada kienet marret l-għassa tal-pulizija għax kienu bagħtu għaliha u l-pulizija qatt ma semma xi ħruq jew li kienet inħarqet it-*tumble dryer*. Sostniet li hija ma tafx f'liema kundizzjoni kienet tinsab fiha t-*tumble dryer *però l-probabbilità li kienet qadima, għax il-perit Godwin Abela infurmahom li jekk kien hemm pajp tal-ventilatur dan missu nħareġ minn ġot-tieqa tax-*shaft *u mhux minn ġo toqba ġewwa* shaft *komuni u li ma kien hemm l-ebda rapport ta'* technician *li jindika u jikkonferma x'kien il-kaġun tal-ħsara tat-*tumble dryer*.*

*Fl-affidavit tiegħu l-perit Godwin Abela jsosnti li rigward l-ispiża ta' €750 sabiex inxtrat* tumble dryer*, din ma tagħmilx sens għax min jaf f'liema stat kienet tinsab din it-*tumble dryer*.*

*Isostni wkoll li għal ventilatur tal-*pipe *tat-*tumble dryer*, fl-ewwel lok wieħed irid jara jekk verament kienx hemm ventilatur għax ma setax itaqqab ventilatur f'ħajt komuni jekk mhux bil-permess ta' kulħadd. Fit-tieni lok jekk kien hemm tieqa żgħira din kellha tintuża biex jinħareġ il-*pipe *minn hemm.*

*It-Tribunal isostni li huwa jemmen il-verżjoni mogħtija mill-atturi u ċioe li t-*tumble dryer *ġratilha ħsara irreparabbli minħabba li l-bajjad inkarigat mill-konvenuti fuq struzzjonijiet tal-istess konvenuti għalaq it-toqob kollha li kien hemm fix-*shaft *inkluż il-ventilatur tal-*pipe *tat-*tumble dryer*.*

*Il-konvenuti qegħdin jargumentaw li jekk kien hemm xi ventilatur fix-*shaft *komuni dan kien qiegħed hemm illegalment. It-Tribunal isostni li dan l-argument ma jreġix għax anke jekk għas-saħħa tal-argument dak il-ventilatur sar illegalment jew mingħajr permess, il-konvenuti ma kellhom l-ebda dritt li jieħdu l-liġi b'idejhom u jaqbdu u jagħlqu t-toqba tal-ventilatur. Se mai il-konvenuti kellhom jirrikorru għar-rimedji legali.*

*Min-naħa l-oħra, it-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt li kif korrettement isostnu l-konvenuti, l-atturi ma ġabu l-ebda prova rigward l-istat li kienet fih it-*tumble dryer *fil-mument li ġratilha l-ħsara.*

*Però bħala stat ta' fatt, kien x'kien l-istat tat-*tumble dryer*, l-atturi kienu għadhom qegħdin jinqdew u jużaw it-*tumble dryer *u dan sal-ġurnata li ġarrbet ħsara*

*irreparabbli minħabba li l-bajjad fuq struzzjonijiet tal-konvenut għalaq it-toqba tal-ventilatur tat-*tumble dryer*.*

*It-Tribunal ħaseb fit-tul dwar jekk għandux jikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi l-ammont kollu tal-prezz tat-*tumble dryer*.*

*It-Tribunal jagħmel referenza għas-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet* ***Paul Sultana vs Tonio Schembri pro et noe*** *fit-18 ta' Jannar, 2012 fejn ingħad is-segwenti:*

"Illi hija f'dan il-kuntest li l-pendenza odjerna ġiet deċiża, u ser tiġi deċiża, tenut kont tal-fatt li skont l-artikolu 7 tal-Kap. 380 "It-Tribunal għandu jaqta' kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu prinċipalment skont l-ekwità". Illi dan ifisser li l-prinċipju tal-ekwità huwa bażilari fid-deċiżjonijiet li għandu jagħti l-istess Tribunal, u għalhekk għandu japplika l-istess u dan fuq kollox f'kull pendenza li jkun hemm quddiemu, b'dan li għandu jara, li kemm jista' jkun issir ġustizzja bejn il-partijiet, u dan imur neċessarjament lil hinn mill-kunċetti stretti tal-liġi, anke fejn dawn huma ta' interpretazzjoni stretta.

Illi f'dan il-każ jidher ċar li l-appellant ma kienx la venditur u lanqas kompratur, u allura teknikament l-azzjoni ta' senserija ut sic fil-konfront tiegħu ma treġġix. Iżda la darba huwa aċċettat li per equipollens treġġi anke taħt dan il-kunċett ta' senserija, l-azzjoni ta' kumpens ta' serviġi resi, u dan fejn l-attur jirriżulta li jkun għamel xogħol tali li l-intervent tiegħu kien ikkontribwixxa iżda mhux wassal sabiex jintlaħaq ftehim bejn il-venditur u x-xerrej għall-bejgħ jew trasferiment ta' proprjetà immobbli, mela allura taħt dan il-kunċett ta' ħlas ta' kumpens għal servizzi resi, ċertament li l-azzjoni attriċi treġġi kontra l-appellat, iktar u iktar meta d-dettami tal-prinċipji tal-ekwità jiġu applikati, (kif it-Tribunal kien tenut li jagħmel b'dispożizzjoni espressa tal-liġi) għall-każ odjern."

*Illi t-Tribunal isostni li sabiex ikunu applikati d-dettami tal-prinċipju ta' ekwità u ssir ġustizzja mal-partijiet kollha, ladarba l-atturi ma ressqu l-ebda prova rigward l-istat li kienet tinsab fih it-*tumble dryer *fil-mument li l-istess* tumble dryer *ġarrbet ħsara irreparabbli, a rigward ta' din it-*tumble dryer *huwa se jkun qiegħed jikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi s-somma ta' tliet mija u ħamsa u sebgħin euro (€375).*

*A rigward, l-ammont ta' elf, mitejn u tliet euro (€1,203) imħallas lil A&S Construction Ltd sabiex sar it-tindif meħtieġ u x-xogħlijiet neċessarji mill-atturi minħabba l-ħsara li l-atturi jsostnu li ġarrbu kaġun tax-xogħlijiet li saru mill-konvenuti, it-Tribunal isostni li l-*quotation *(a fol. 77) annessa mal-affidavit ta' Denise Spiteri tindika x-xogħol u t-tindif kollu li eventwalment sar minn A&S Construction Ltd.*

*Fl-affidavit tagħha l-konvenuta Carla Mercieca ssostni li filwaqt li kienet hi li s-sinjura Spiteri infurmata li jekk ma kinitx kuntenta bit-tindif tagħha hija setgħet tqabbad lil xi ħadd inaddfilha a spejjeż tal-konvenuti, madanakollu hija talbitha* quotation *tal-*cleaners*, liema* quotation *qatt ma ngħatatilha.*

*Rigward l-ispejjeż allegatament sofferti mill-atturi fil-*water reservoir*, il-konvenuta fl-affidavit tagħha sostniet li l-bejt tagħhom huwa f'kundizzjoni nadifa u jitnaddaf kull ġimgħa b'ilma nadif. Ma hemm xejn li jindika li kienu l-konvenuti li wettqu xi ħsarat jew ħmieġ.*

*Rigward il-fatturi oħra li jissemmew fil-kont datat 7 ta' Jannar, 2020, il-konvenuta ssostni li f'Diċembru 2019, il-konvenuti kienu inkarigaw lill-kuntrattur tagħhom Jason Muscat jagħmlilhom xi xogħlijiet fuq il-bejt fosthom xogħlijiet ta' tikħil, żebgħa u* membrane*, kif ukoll għalaq it-toqob li kienu miftuħin fix-xaft.*

*Qabel ma beda x-xogħol fuq struzzjonijiet tagħhom, il-kuntrattur informa lis-Sur Spiteri li kien ħa jagħmel ix-xogħol fuq il-bejt u fis-*shaft *tagħhom u offrielu li jgħattilu l-affarijiet u wara li jitlesta x-xogħol imorru jnaddfulu. Is-Sur Spiteri m'aċċettax din l-offerta.*

*Il-konvenuta fl-affidavit tagħha ssostni wkoll li mir-ritratti tal-*pool *u l-ġnien, annessi mal-affidavit huwa evidentement ċar li ma kienx hemm il-ħmieġ allegat u jekk waqa' xi ħmieġ huma kienu lesti li jnaddfu.*

*Il-bajjad Jason Muscat xehed li huwa jaħdem bħala bajjad u li kien ġie inkarigat sabiex jagħmel xi xogħlijiet fid-dar tal-konvenuti li tinsab f'tal-Ibraġġ.*

*Jason Muscat sostna li x-xogħol inħadem bil-galbu u anke ġie użat il-*hoover *sabiex tiġbor it-trab hija stess. Biex b'hekk ma jtirx it-trab kemm jista' jkun.*

*Ix-xhud sostna li s-Sur Spiteri kien offrielu għal darba, darbtejn u saħansitra tliet darbiet sabiex jekk waqa' xi trab jew xi ħmieġ inaddafulu iżda s-Sur Spiteri infurmah li ma kienx hemm għalfejn.*

*Ix-xhud insista li l-ebda ħmieġ u trab ma waqa' għand is-Sur Spiteri.*

*Muri ritratti a fol. 106, a fol. 107 u a fol. 108, ix-xhud ikkonferma li kien hu li ħa dawk ir-ritratti. Huwa ħa dawn ir-ritratti bħala prova li ma kienx waqa' trab għand is-Sur Spiteri.*

*Fl-affidavit tiegħu l-Perit Godwin Abela jsostni li dwar l-ispiża ta' €470 għal tindif hija prassi normali li wieħed jibgħat lil xi ħadd biex inaddaf.*

*Dwar l-€50, għal tindif tal-*gulley *dawk huma kollha ħmeriijiet u dwar il-€55 għal ventilatur tal-*pipe *tat-*tumble dryer*, fl-ewwel lok wieħed irid jara jekk verament kienx*

*hemm ventilatur għax ma setax jittaqqab ventilatur f'ħajt komuni jekk mhux bil-permess ta' kulħadd. Fit-tieni lok jekk kien hemm tieqa żgħira din kellha tintuża biex jinħareġ il-*pipe *minn hemm.*

*Rigward l-ispiża ta' €350, relatata mal-*water reservoir *u ċioe l-bir, il-perit isostni li l-bir dejjem jimtela mill-bjut sovraposti għall-fondi. Jekk inħareġ permess biex isir bir allura dan irid jimtela mill-bjut. Min jgħix isfel m'għandu l-ebda dritt jisvija l-ilma tal-bejt.* ***Min għandu l-bejt huwa obbligat iżommu nadif biex ma jikkontaminax l-ilma fil-bir.***

*It-Tribunal isosnti li in sostenn tat-talba tagħhom, l-attur Noel Spiteri fix-xhieda tiegħu u l-attriċi Denise Spiteri fl-affidavit tagħha spjegaw fid-dettall u b'mod estensiv il-fatti ta' dan il-każ.*

*Jeffrey Xuereb fix-xhieda tiegħu sostna li huwa* turnkey contractor *u lill-atturi għamlilhom xi xogħol fil-proprjetà tagħhom.*

*Muri dokument a fol. 77 u fol. 78 huwa sostna li dawk huma l-*quotations *u l-irċevuta maħruġa minnu għax-xogħol li huwa għamel.*

*Ix-xhud sostna li sab xi ventilaturi li kienu magħluqin bir-ramel u* cement*, kien hemm xi ħsarat għax kien daħal xi ilma, waqa' xi tajn fuq il-*canape*, waqa' xi ħmieġ fil-bir u kellu jnaddaf xi* gulleys *għax imlewhom bit-tajn.*

*It-Tribunal josserva li ma nġiebet l-ebda prova mill-konvenuti li fil-madwar apparti x-xogħlijiet tagħhom, kien qiegħed isir xi xogħol ieħor minn terzi u li dan l-istess xogħol ta' terzi seta' kien il-kaġun tal-ħmieġ li kellu jitnaddaf jew li kaġun tiegħu kellhom isiru t-tiswijiet tagħhom kif indikat fil-*quotation *ta' A&S Construction.*

*Fix-xhieda tiegħu Jeffrey Xuereb ikkonferma li huwa għamel ix-xogħlijiet (apparti t-*tank*) li kienu indikati fil-*quotation *u anke sar it-tindif kollu kif indikat fl-istess* quotation.

*Ikkonferma wkoll li għal dak it-tindif u x-xogħol indikat fil-*quotation *huwa tħallas mingħand l-atturi l-ammont ta' elf, mitejn u tliet euro (€1,203).*

*Filwaqt li t-Tribunal qies il-kontenut tal-affidavit tal-Perit Godwin Abela, però huwa fatt u l-atturi ressqu l-provi kollha meħtieġa sabiex ġie ppruvat li huma ħallsu lill-kuntrattur is-somma ta' elf, mitejn u tliet euro (€1,203) u dan għal tindif u sabiex tissewwa l-ħsara sofferta minnhom kaġun tax-xogħlijiet imwettqa mill-konvenuti.*

*Għalhekk a rigward ta' tindif u x-xogħlijiet li saru minn A&S Construction Ltd it-Tribunal ser ikun qiegħed jikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu s-somma ta' elf, mitejn u tliet euro (€1,203).*

*A rigward l-ispejjeż peritali sofferti mill-atturi, it-Tribunal isostni li ladarba l-atturi kienu qegħdin isofru danni fil-proprjetà tagħhom, l-istess atturi ma kellhomx għażla oħra ħlief li jinkarigaw perit sabiex iħejji rapport rigward il-ħsarat sofferti mill-atturi ġewwa l-proprjetà tagħhom.*

*Għalhekk it-talba tal-atturi sabiex il-konvenuti jiġu kkundannati mit-Tribunal li jħallsuhom ukoll is-somma ta' mitejn u sitta u tletin euro (€236) hija waħda ġustifikata u konsegwentement it-Tribunal se jkun qiegħed jikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu l-ispejjeż peritali ukoll.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal se jkun qiegħed jikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi s-somma ta' elf, tmien mija u erbatax-il euro (€1,814)."*

## L-Appell

7. L-appellanti ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fis-16 ta' Ottubru, 2024, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex:

*"... jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet Noel Spiteri et vs Marcus Mercieca et mogħtija mit-Tribunal għat-Talbiet Żgħar fit-3 ta' Ottubru, 2024 u minflok tiċħad it-talbiet tal-attriċi u fin-nuqqas jogħġobha tirriformaha billi tnaqqas drastikament l-ammont allokat lill-atturi, u, jew tibdel id-*decide *dwar l-interessi sabiex dawn jibdew jiddekorru biss mid-data tas-sentenza finali, u, jew tibdel il-parti dwar l-ispejjeż biex dawn jiġu sopportati fl-interità tagħhom mill-atturi u, jew billi tordna lill-atturi jħallsu parti ikbar mill-ispejjeż. U f'kull każ anke jekk tiġi milqugħa t-talba għad-danni, is-sentenza appellata għandha tiġi riformata biex dawn id-danni jiġu ridotti għal somma ħafna u ħafna anqas minn dak deċiż fl-ewwel istanza – dwar dan referenza ampja ssir għall-affidavit tal-Perit Godwin Abela (fol. 122).*

*Bl-ispejjeż kontra l-atturi."*

8. L-appellanti jibbażaw ir-rikors tal-appell tagħhom fuq erba' aggravji ewlenin: (i) li huma m'għandhomx ibatu l-ispejjeż tal-kawża; (ii) li huma m'għandhomx jiġu kkundannati jħallsu imgħaxijiet, u/jew jekk tali imgħaxijiet huma dvouti għandhom jiddekorru biss mid-data tas-sentenza finali; (iii) li l-ammont li l-appellanti kienu disposti jħallsu lanqas biss issemma fil-kawża

għaliex nesew jindikawh; (iv) l-appellanti ressqu numru ta' lanjanzi dwar il-kumplament tal-allegati ħsarat.

9. L-appellati wieġbu għar-rikors tal-appell tal-appellanti, billi qalu li s-sentenza għandha tiġi kkonfermata in toto, u l-appell għandu jiġi miċħud. Qalu wkoll li l-ewwel deċiżjoni tat-Tribunal kienet illiberat lill-appellanti minn kull responsabbilità, mhux għaliex kien sar xi apprezzament tal-provi, iżda għaliex it-Tribunal kif presedut kien laqa' l-eċċezzjonijiet tal-appellanti billi ta deċiżjoni li kienet *ultra petita* għaliex id-deċiżjoni ngħatat fuq raġunijiet u konstatazzjonijiet li ma ġewx eċċepiti. Qalu wkoll li din il-Qorti m'għandhiex tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi miġbura u tal-piż li għandhom jingħataw, u għandu jirriżulta li t-Tribunal li ta l-aħħar sentenza, għamel dan wara li eżamina l-provi bir-reqqa, u ma tax l-ammont kollu pretiż minnhom, iżda anki kkundannahom jagħmlu tajjeb għal parti mill-ispejjeż.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

*L-Ewwel Aggravju:* *[Dwar l-ispejjeż tal-kawża]*

10. L-appellanti qalu li meta fl-ewwel deċiżjoni tiegħu t-Tribunal iddeċieda li huma ma kellhom iħallsu xejn lill-appellati, dan sar għaliex iċ-*Chairperson* kien sema' lill-partijiet u ra l-ġenwinità tal-appellanti, u fehem li l-appellati kienu qegħdin jittentaw jagħmlu kapital sabiex jissodisfaw il-pika u l-mibegħda fil-konfront tal-ġirien tagħhom. Qalu wkoll li din il-Qorti fehmet li huma kienu disposti jħallsu għal xi danni li setgħu ġew ikkawżati minnhom, iżda huma dejjem sostnew li l-appellati kienu qegħdin jesaġeraw fil-pretensjonijiet

tagħhom. L-appellanti qalu li huma dejjem insistew li riedu jħallsu biss dak li kien dovut minnhom u xejn aktar, u kien għalhekk li huma inkarigaw lill-istess perit li soltu jitqabbad mill-qrati sabiex jirrelata b'mod imparzjali dwar id-danni pretiżi. L-appellanti qalu li huma saħansitra bagħtu r-rapport tal-perit tagħhom lill-appellati qabel il-kawża, sabiex jittentaw isolvu din il-vertenza, u kienu l-appellati li għamlu talbiet esaġerati, bir-riżultat li kien tort tagħhom li kellha ssir din il-kawża. L-appellanti saħqu li huma għamlu dan għaliex ma kellhom x'jaħbu xejn, u dawn il-proċeduri qatt ma messhom infetħu ladarba huma urew dispożizzjoni tagħhom li jħallsu dak li kien ġust u meritat. Qalu li huwa għalhekk li huma m'għandhomx iħallsu l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, jew f'każ li jiġu kkundannati jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż, l-ammont li ser jiġu kkundannati jħallsu għandu jkun ferm anqas minn dak li għandu jitħallas mill-appellati.

11. L-appellati wieġbu għal dan billi qalu li sabiex l-appellanti ma jkunux ikkundannati jħallsu l-ispejjeż, dawn kellhom iħallsu d-danni kkawżati minnhom, sabiex tiġi evitata l-ħtieġa ta' din il-kawża. Qalu wkoll li l-appellanti riedu jagħmlu xi xogħol fil-proprjetà tagħhom, u talbu lill-appellati għall-għajnuna minħabba l-inkonvenjent li seta' jinqala'. L-appellati qalu li x-xogħol sar mingħajr rispett lejhom, u kien għalhekk li kien hemm il-ħtieġa ta' dawn il-proċeduri. Qalu li anki meta l-appellanti kellhom iġibu *cherry picker,* huma pparkjawh quddiem il-garaxx tal-appellati mingħajr ma infurmawhom, b'turija ta' nuqqas ta' rispett fil-konfront tagħhom.

12. Il-Qorti tirrileva li huwa prinċipju li joħroġ mil-liġi, li f'kull kawża hija l-parti telliefa li għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż. It-Tribunal ta d-deċiżjoni tiegħu fis-sens li minkejja li ma laqax kompletament it-talbiet tal-atturi,

hawnhekk l-appellati, xorta waħda laqa' t-talbiet tagħhom f'parti sostanzjali tagħhom, tant hu hekk li kkundanna lill-appellanti jagħmlu tajjeb għal parti kbira mill-ispejjeż pretiżi mill-appellati, wara li qies li tali talbiet huma ġustifikati. Għandu jingħad, anki fid-dawl tal-lanjanzi mressqa mill-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom, it-Tribunal iddeċieda li l-appellati għandhom jitħallsu nofs il-prezz pretiż minnhom għax-xiri ta' *tumble dryer* ġdida, u mhux l-ammont kollu ta' €750 mitlub minnhom, filwaqt li qies ukoll li ma kienx hemm mod kif l-appellati setgħu jevitaw li jħallsu għall-inkarigu u għar-rapport tal-perit tekniku *ex parte,* ladarba huma sofrew danni fi ħwejjiġhom. It-Tribunal qies ukoll li s-somma ta' €1,203 li tħallsu bħala spejjeż lill-kuntrattur għat-tindif tal-fond kienet ġustifikata, u għalhekk ordna l-ħlas ta' dawn l-ispejjeż pretiżi mill-appellati. Il-partijiet setgħu jevitaw dawn is-snin ta' litiġju bi ftit bon sens u rieda tajba, billi jiftiehmu fuq il-*quantum* tad-danni sofferti mill-appellati. Wara kollox l-appellanti dejjem fehmu li kien hemm ammont ta' danni li ġew ikkaġunati minnhom, iżda ma qablux biss mal-*quantum* tagħhom. It-Tribunal ordna l-ħlas tal-ispejjeż fl-istess proporzjon li bih laqa' t-talba tal-appellati, u din il-Qorti tqis li dan huwa l-aktar mod ekwu ta' kif kellha ssir l-ispartizzjoni tal-ispejjeż. Għaldaqstant tqis li l-ewwel aggravju mressaq mill-appellanti mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[Il-ħlas tal-imgħax legali]*

13. It-tieni aggravju tal-appellanti huwa marbut mal-ewwel wieħed, u permezz tiegħu huma jikkontendu li ladarba l-ammont mitlub mill-appellati huwa wieħed esaġerat, huma kellhom raġuni valida għal xiex irrifjutaw li jħallsu. Qalu wkoll li l-ammont dovut kellu jiġi determinat b'sentenza jew bi qbil bejn il-

partijiet, u għalhekk l-imgħaxijiet għandhom jiddekorru mid-data tas-sentenza finali. Qalu wkoll li jekk il-kawża damet dan ma kienx tort tagħhom, u għalhekk huma m'għandhomx jiġu kkundannati jħallsu l-imgħax.

14. L-appellati wieġbu għal dan billi qalu li ladarba kellha ssir din il-kawża, u ladarba kien hemm dewmien bla bżonn, l-appellanti għandhom jiiġu kkundannati jħallsu l-imgħaxijiet fuq is-sorte minn meta dan sar dovut, jiġifieri minn meta huma sofrew id-danni. Qalu li d-danni jinkludu l-ispiża tal-ħsara tat-*tumble dryer* li ġiet ikkaġunata meta l-appellanti ksew ħajt, għalqu l-vent li minnu t-*tumble dryer* kienet titfa' l-arja sħuna, u konsegwenza ta' dan inħaraq mutur u kellhom jibdluh.

15. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal dak deċiż mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Michael u Maryanne konjugi Mizzi *vs.* Tabib Joseph M. Paris et**[1], fejn ingħad illi:

> *"F'dan il-każ, fil-fehma tal-Qorti, fir-rigward tal-imgħaxijiet ċertament kemm il-kwistjoni tar-responsabbilità u kemm il-kwistjoni tal-likwidazzjoni tal-ammont tal-ħsara li saret minħabba l-inondazzjoni tal-ilma, kienu kwistjonijiet li ma kinux faċilment determinabbli, tant li dwar id-danni kellu jiġi nominat perit tekniku biex issir il-likwidazzjoni tad-danni. Inoltre l-Ewwel Qorti ma qablitx għal kollox mal-konklużjonijiet tal-perit tekniku. Fil-każ in eżami, għalhekk, l-imgħax ma kellux jibda jiddekorri minn dakinhar li saret l-ewwel intimazzjoni mill-appellati lill-appellanti. L-imgħax għandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza. Kif jidher miċ-ċitazzjoni t-talba għad-danni hija* da liquidarsi.*"*

16. Fil-każ odjern l-ammont pretiż mill-appellati kien ikkontestat mill-appellanti, u fil-fatt kienet din il-kontestazzjoni li wasslet għal dawn il-proċeduri

[1] 27.03.2009.

li fil-fehma ta' din il-Qorti twalu inutilment. Ladarba però s-somma pretiża ma setgħetx titqies li kienet likwida qabel ġew fi tmiemhom il-proċeduri ġudizzjarji bejn il-partijiet, l-imgħax legali ma setax jibda jiddekorri minn qabel ma ngħatat is-sentenza, għaliex kien biss bis-sentenza li l-ammont ta' danni li għandu jitħallas lill-appellati ġie aċċertat. Dan in omaġġ għall-prinċipju *in illiquidis non fit mora,* li ilu bosta snin jiġi interpretat bl-istess mod mill-qrati tagħna. Hekk, per eżempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Ellul Bonnici et *vs.* Felice Mercieca et noe**, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[2], ingħad illi:

> *"L-imgħaxijiet ma humiex dovuti mill-ġurnata tat-talba meta d-debitu ikun inċert u illikwidu, iżda mill-jum tal-likwidazzjoni u tal-approvazzjoni tagħha."*

17. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li t-tieni aggravju tal-appellanti huwa mistħoqq u tilqgħu, u l-imgħax għandu jkun dovut mid-data tad-deċiżjoni appellata.

*It-Tielet Aggravju:* *[L-ammont li l-appellanti kienu disposti jħallsu ma ġiex indikat mill-appellati]*

18. Permezz tat-tielet aggravju tagħhom, l-appellanti jgħidu li meta huma wrew li kienu disposti li jħallsu xi ħaġa għad-danni, dan kien skont ir-rapport tal-perit tagħhom, u kien biss dwar dak li l-atturi indikaw li minħabba perkolazzjoni ta' ilma kellhom xi moffa fid-dar tagħhom, li huma qalulhom li kienu disposti li jħallsu għat-tibjid meħtieġ fil-fond tal-appellati. Qalu li l-appellati però ma kinux indikaw jew talbu dan l-ammont fl-avviż ippreżentat minnhom għaliex kienu nsew iżidu dan l-ammont. L-appellanti saħqu li l-kawża odjerna hija waħda

[2] 26.04.1950.

frivola, u l-appellati ppretendew li f'nofs il-kawża jżidu aktar talbiet, billi jżidu l-ammont addizzjonali tal-allegata ħsara b'€557.60 aktar, li huwa l-ammont tad-danni li huma jallegaw li ġej mill-moffa. L-appellanti qalu li d-dispożizzjoni tagħhom li jħallsu u li jagħmlu tajjeb għad-danni ma kelliex x'taqsam ma' dawn id-danni, li qatt ma saru parti fil-kawża u li ma ġewx mitluba. Qalu li għalhekk id-dikjarazzjoni ma tistax tiġi estiża għal danni oħra, u huwa għalhekk li l-appellanti komplew bil-kontestazzjoni tagħhom, u għalhekk m'għandux jinstab li hemm kontradizzjoni bejn l-istqarrija tagħhom li kienu disposti li jħallsu għad-danni u l-kontinwazzjoni tal-kontestazzjoni tal-kawża.

19. L-appellati qalu li dan il-punt kellu jitqajjem *in limine litis* u mhux f'dan l-istadju. Saħqu li dan in-nuqqas ma kienx ser iwassal għan-nullità tal-kawża għaliex fit-talba hemm indikat l-ammont pretiż li ma kienx jeżorbita l-kompetenza tat-Tribunal. Qalu wkoll li l-appellanti kellhom ċans iressqu l-eċċezzjoni dwar dan mar-risposta oriġinali tagħhom, imma dan ma sarx.

20. Il-Qorti ma tistax tifhem għal liema raġuni l-appellanti qegħdin iqajmu din il-lanjanza proprju f'dan l-istadju avvanzat tal-proċeduri. Fi kwalunkwe każ ma jirriżultax li t-Tribunal akkorda xi forma ta' danni jew spejjeż relatati mat-tibjid meħtieġ fil-fond tal-appellati, u għalhekk m'hemmx lok li jitqajjem aggravju dwar dan il-punt proprju f'dan l-istadju tal-proċeduri. Il-fatt li l-appellati setgħu qajmu pretensjonijiet ġodda wara li kienu nfetħu proċeduri quddiem it-Tribunal, ma jidher li kellu l-ebda effett fuq id-deċiżjoni tat-Tribunal, u għalhekk il-Qorti ma tarax għalfejn l-appellanti qegħdin jissollevaw aggravju dwar dan il-punt proprju f'dan l-istadju tal-proċeduri. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat u tiċħdu.

*Ir-Raba' Aggravju:* *[Lanjanzi dwar il-kumplament tal-ħsarat]*

21. Fl-aħħar nett l-appellanti qalu li t-talba tal-appellati kienet limitata għall-ammont ta' €1,535, imma huma kkontestaw kull *item* f'din l-istima, anki bl-assistenza tal-Perit Godwin Abela, li fl-*affidavit* tiegħu spjega kemm hija frivola l-pretensjoni tal-appellati. Qalu li l-uniku *item* li l-Perit Abela qal li setgħet issir talba dwaru mill-appellati, l-appellati ma ressqu l-ebda talba. Qalu wkoll li tant kemm it-talba tal-appellati hija frivola, li dawn spiċċaw talbu l-prezz ta' *tumble dryer,* li għaliha qegħdin jippretendu l-ħlas ta' €750. L-appellanti qalu li t-Tribunal niżżel din il-pretensjoni bin-nofs għaliex preżumibbilment it-*tumble dryer* li nkiser kien wieħed antik, u l-appellati ma ġabu l-ebda prova dwar l-għamla tat-*tumble dryer* li ġarrbet ħsara*,* la ġabu *technician* sabiex jispjega dan kif inkiser, u ma taw l-ebda dettalji tad-ditta tagħha jew tal-prezz li bih inxtart, u meta nxtarat. Qalu wkoll li lanqas ġie spjegat jekk din it-*tumble dryer* tistax tissewwa, u l-unika ħaġa allegata mill-appellati kienet li toqba fil-ħajt ġiet misduda u huwa għalhekk li din it-*tumble dryer* ma ħadmitx aktar. L-appellanti qalu iżda li fin-nuqqas ta' prova aħjar, l-ispiża relatata ma' dan it-*tumble dryer* għandha titnaqqas. L-appellanti qalu wkoll li t-talbiet tal-appellati tant huma frivoli, li f'nofs il-kawża dawn żiedu l-ammont tad-danni b'€557.60 aktar. Qalu wkoll li f'rapport li l-appellat għamel lill-Pulizija, dan indika li l-ħsara ma saritx mill-appellanti iżda minn ħaddiema oħra. L-appellanti qalu li dan kellu jiġi analizzat fil-mertu wkoll, għaliex fi kwalunkwe każ huma m'għandhomx jiġu kkundannati jagħmlu tajjeb għal spejjeż li setgħu ġew ikkaġunati minn ħaddieħor. L-appellanti qalu li huma dejjem kienu disposti li jħallsu għad-danni kkaġunati minnhom, iżda mhux ukoll għal dawk ikkaġunati minn ħaddieħor, u fi

kwalunkwe każ huma disposti li jħallsu biss il-valur veru tad-danni. Iżda dwar l-uniku *item* li l-Perit Abela kkonstata li għandu jitħallas mill-appellanti, l-appellati ma ressqu l-ebda talba. L-appellanti qalu wkoll li mix-xhieda ta' Carla Mercieca u ta' Jason Muscat li għamel ix-xogħol fil-proprjetà tagħhom, għandu jirriżulta li l-allegazzjonijiet tal-appellati huma esaġerati. Qalu wkoll li l-appellati ma ppreżentaw l-ebda rapport tekniku sabiex jikkontradixxi s-sejbiet tal-Perit Godwin Abela, u dawn lanqas biss ippreżentaw fatturi bħala prova tal-allegati spejjeż sofferti minnhom. L-appellanti qalu li għandu jirriżulta wkoll li l-appellati biegħu l-proprjetà tagħhom, u għalhekk l-esaġerazzjoni tal-pretensjonijiet tagħhom hija issa aktar evidenti, hekk kif wara l-bejgħ tad-dar tal-appellati, kull kwistjoni li kien hemm pendenti ġiet riżolta mas-sidien il-ġodda li ħallew lill-appellanti jaħdmu. Fl-aħħar nett l-appellanti qalu illi li kieku l-appellati ħallewhom jaħdmu bi *scaffolding* jew b'*cherry picker* biex ikaħħlu l-faċċata, l-ebda ilma jew umdità ma kien jidħol għand l-appellati, imma fil-verità l-appellati riedu biss li lilhom jivvessawhom, u mhux li jirranġaw is-sitwazzjoni.

22. L-appellati wieġbu għal dan l-aggravju billi qalu li anki fir-rikors tal-appell tagħhom, l-appellanti jammettu li kkaġunaw danni li lesti jagħmlu tajjeb għalihom. Qalu li l-appellanti jirreferu biss għax-xhieda ppreżentati minnhom, u jinjoraw ix-xhieda ppreżentati mill-appellati. Qalu li t-Tribunal kellu l-opportunità li jevalwa x-xhieda kollha u jasal għad-deċiżjoni tiegħu, u ma jistax jingħad li t-Tribunal naqas milli jevalwa xi prova miġjuba minn xi parti, sabiex b'hekk mhuwiex mistenni li din il-Qorti tagħmel evalwazzjoni tal-provi mill-ġdid. L-appellati qalu li lanqas m'għandhom raġun l-appellanti jgħidu li huma m'għadx għandhom interess fil-kawża għaliex biegħu l-fond, għaliex id-danni seħħew meta huma kienu għadhom jgħixu fil-fond in kwistjoni, u ħallsu għal dawn id-

danni minn buthom. Qalu li fi kwalunkwe każ id-danni huma dovuti billi l-appellati sofrewhom, għaliex is-somma pretiża nħarġet mill-patrimonju tagħhom biex għamlet tajjeb għall-ħsarat ikkaġunati mill-appellanti minħabba traskuraġni, imperizja, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti, u xogħol li sar mhux skont is-sengħa u l-arti.

23. Il-Qorti tirrileva li t-Tribunal ta spjegazzjoni ċara, dettaljata u motivata għal-likwidazzjoni tad-danni li saret minnu, u spjega wkoll għal liema raġuni kien qiegħed jillikwida favur l-appellati nofs l-ispiża pretiża għax-xiri ta' *tumble dryer* ġdida. It-Tribunal irrimarka li ra l-irċevuta għax-xiri tat-*tumble dryer* il-ġdida, u kien għalhekk li laqa' t-talba tal-appellati sabiex jingħataw kumpens għad-danni sofferti f'dak ir-rigward ta' nofs l-ispiża. Il-kumplament tal-ammont likwidat mit-Tribunal kien għall-ispiża tar-rapport peritali, li kellu jsir ladarba kien hemm danni li ġew sofferti u ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet dwar min għandu jagħmel tajjeb għalihom, u għall-ispiża għat-tindif tal-fond tal-appellati. It-Tribunal qies, wara li evalwa l-provi li kellu quddiemu u sema' x-xhieda, li dawn l-ammonti kienu ġustifikati. Din il-Qorti tgħid li l-proċeduri odjerni twalu inutilment b'riżultat il-pika evidenti bejn il-partijiet. Huwa minn ewl id-dinja li meta żewġ fondi jkunu fuq xulxin, kull darba li s-sid ta' fond sovrastanti jkollu bżonn jagħmel xi xogħlijiet fil-fond tiegħu, b'xi mod dan ser jikkawża inkonvenjent jew dannu lill-ġirien li joqogħdu biswitu. Għal tali inkonvenjent u għal kull dannu kkaġunat lilhom, għandu jiġi ordnat riżarċiment. Il-fatt li l-appellati biegħu l-fond fejn ġarrbu l-ħsarat, bl-ebda mod ma jinċidi fuq l-interess li huma għandhom f'dawn il-proċeduri, għaliex għandu jirriżulta li huma għamlu tajjeb għad-danni sofferti minnhom waqt li kienu għadhom jgħixu fil-fond, u għalhekk il-lanjanza mressqa mill-appellanti f'dan ir-rigward mhijiex ġustifikata.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi dan l-appell, billi filwaqt li tiċħad l-ewwel, it-tielet u r-raba' aggravji mressqa mill-appellanti, tilqa' t-tieni aggravju tagħhom, b'dan illi l-imgħax legali fuq l-ammont li għandu jitħallas lill-appellati għandu jibda jiddekorri mid-data tad-deċiżjoni appellata.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu 75% a karigu tal-appellanti, u 25% a karigu tal-appellati.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**